## Il-Ħadd, 21 ta' Lulju 2019

Ġesù daħal f'raħal, u laqgħetu għandha waħda mara jisimha Marta. Din kellha oħtha, jisimha Marija, li niżlet bilqiegħda f'riġlejn il-Mulej tisimgħu x'kien qiegħed jgħid. Iżda Marta kienet moħħha fuq il-ħafna xogħol tad-dar. Imbagħad resqet u qaltlu: "Mulej, m'intix tara kif oħti ħalliet ix-xogħol kollu fuqi biss? Mela għidilha taqbad tagħmel xi ħaġa miegħi." Qabeż il-Mulej u qalilha: "Marta, Marta! Inti taħseb wisq u tinkwieta fuq ħafna ħwejjeġ; imma waħda hi meħtieġa. U Marija għażlet l-aħjar sehem, li ma jitteħdilhiex."

*Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 10, versi 38-42*

# 232

"Mehdija bix-xogħol, Marta tirriskja li tinsa - u din hi l-problema - l-aktar ħaġa importanti: il-preżenza tal-mistieden, li f'dan il-każ hu Ġesù ... Il-mistieden m'għandux bżonn biss li xi ħadd iservih, jitimgħu, u li jieħu ħsiebu b'kull mod. Jeħtieġ ukoll li, fuq kollox, ikun mismugħ; ikun milqugħ bħala persuna ... U t-tweġiba li Ġesù jagħti lil Marta - meta jgħidliha li ħaġa waħda hi meħtieġa - issib it-tifsira kollha tagħha b'riferiment għas-smigħ tal-kelma ta' Ġesù nnifsu, dik il-kelma li ddawwal u ssostni dak kollu li nagħmlu."

PAPA FRANĠISKU, *Angelus,* 17 Lulju 2016

# Li tilqa' lil dak li jkun

*Fiex tikkonsisti*
*l-attenzjoni*
*li jiena naghti*
*lill-ohrajn?*

*Nilqagħhom*
*bħala persuni*
*li, fuq kollox,*
*għandhom*
*qalb?*

Kull persuna, Mulej, għandha l-istorja tagħha,
b'qalb mimlija sentimenti u ħsibijiet.
Huwa biss meta nifthu qalbna għal dan kollu
li aħna nkunu qed nilqgħu verament lil dak li jkun;
huwa biss meta nagħtuh spazju ġenwin
biex joħroġ l-istorja tiegħu
li aħna nkunu qed nilqgħuh tassew;
huwa biss meta nisimgħuh
li aħna nagħmluh iħossu ta' ġewwa magħna.
Agħtina l-paċenzja, Mulej,
ħalli nkunu nistgħu nisimgħu
lil min niltaqgħu miegħu.
Agħtina s-sabar
ħalli nisimgħu anki lilek
taqsam magħna l-istorja tiegħek,
is-sigrieti tiegħek.

## It-Tnejn, 22 ta' Lulju 2019

Xi wħud
mill-kittieba u l-Fariżej
qabdu u qalu lil Ġesù:
"Mgħallem,
xtaqna kieku naraw sinjal
mingħandek!"
Iżda hu weġibhom:
"Sinjal iridu nisel ħażin u infidil!
Imma ebda sinjal ma jingħatalu
ħlief dak tal-profeta Ġona.
Għax kif Ġona
għamel tlitt ijiem u tlitt iljieli
f'żaqq il-ħuta,
hekk ukoll Bin il-bniedem
għad jagħmel
tlitt ijiem u tlitt iljieli
fil-qalba ta' l-art."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 12, versi 38-40***

233

"Is-Salib ta' Ġesù hija l-kelma li biha Alla wieġeb għall-ħażen fid-dinja. Jista' jidher, xi drabi, li Alla ma jweġibx għall-ħażin, li jibqa' sieket. Fir-realtà, Alla jitkellem, iwieġeb. It-tweġiba tiegħu hija s-Salib ta' Kristu: kelma li hija mħabba, ħniena, maħfra. Hija wkoll ġudizzju. Alla jiġġudikana billi jħobbna. Jekk nilqa' l-imħabba tiegħu, jiena salv. Jekk nirrifjutaha, jiena kkundannat, mhux minnu, imma minni nnifsi. Għaliex Alla ma jikkundannax. Huwa jħobb u jsalva biss jaf!"

PAPA FRANĠISKU,
*Diskors,* Via Crucis, 29 Marzu 2013

*Is-Salib*
*ta' Kristu*
*għadu għalija*
*s-sinjal ewlieni*
*tal-imħabba*
*ta' Alla?*

*Lil Kristu*
*nħallih jidħol*
*fil-qalba tiegħi?*

# Fil-qalba tal-art

Għall-provokazzjoni li jagħmillek il-bniedem,
Inti, Mulej, ħaġa waħda tagħmel:
tidħol f'dak li jkiddu,
tidħol fl-iljieli u fl-abbissi tiegħu,
permezz tas-Salib
li ġġorr fuqek,
li tmut fuqu,
u li minnu jniżżluk,
u hekk tidħol fil-qalba tal-art.
B'hekk
tkun tista' tidħol fil-qalb nfisha tal-bniedem.
Grazzi, Mulej,
ta' din it-tweġiba li tgħaġġbek
li Inti tagħti lilna l-bnedmin,
tweġiba li turi l-imħabba bla kundizzjonijiet
li Alla għandu għalina.

## It-Tlieta, 23 ta' Lulju 2019

Kif kien għadu qiegħed ikellem
lin-nies, ġew ommu u ħutu,
waqfu barra
u fittxew li jkellmuh.
Xi ħadd qallu:
"Ara, ommok u ħutek
qegħdin barra jfittxu li jkellmuk."
Iżda hu wieġeb lil dak li kellmu,
u qallu: "Min hi ommi?
U min huma ħuti?"
Imbagħad medd idu
lejn id-dixxipli tiegħu u qal:
"Dawn, araw, huma ommi u ħuti.
Għax kull min jagħmel
ir-rieda ta' Missieri
li hu fis-smewwiet,
dak huwa ħija, u oħti, u ommi."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 12, versi 46-50***

234

"Ir-rieda ta' Alla hija l-liġi suprema li, lil min iwettaqha, tagħmlu jappartjeni tabilħaqq lil Alla. Għal din ir-raġuni, Marija jibda jkollha rabta ta' ġewwa ma' Ġesù saħansitra qabel ma toħorġu għad-dawl: hi ssir dixxiplu u omm ta' Binha fil-mument li hija tilqa' l-kliem tal-Anġlu u tgħid: 'Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skont kelmtek.' B'dan il-kliem, Marija mhux biss taċċetta dak li jgħidilha l-Anġlu, imma wkoll, b'fiduċja tiftaħ lilha nfisha lejn il-ġejjieni."

PAPA FRANĠISKU, *Omelija,*
Għasar, Monasteru Sant'Antnin Abbati, Ruma,
21 Novembru 2013

*Fuqhiex*
*qed nibni*
*l-appartenenza*
*tiegħi*
*lil Kristu?*

*Din*
*l-appartenenza*
*tiegħi*
*kif qed ngħixha*
*f'dak*
*li nsib ruħi fih*
*fil-ħajja tiegħi*
*ta' kuljum?*

# Appartenenza

Jappartjeni lilek, Mulej,
min ħsiebu f'dak li Inti trid minnu.
Jappartjeni lilek
min jara dejjem kif iwettaq r-rieda tiegħek.
Jappartjeni lilek
min jirriskja minħabba fik.
Jappartjeni lilek
min lest iċedi kollox fejn tidħol Int.
Jappartjeni likek
min jagħmlek il-garanzija waħdanija tiegħu.
Ħa tkun Marija
dik li timxi quddiemna b'ħajjitha.
Ħa tkun Marija
dik li tweżinna bl-għajnuna li tagħtina.
Ħa tkun Marija
dik li twassalna għandek.

## L-Erbgħa, 24 ta’ Lulju 2019

Ġesù beda jkellem lin-nies fuq bosta ħwejjeġ bil-parabboli. U qalilhom: “Darba wieħed bidwi ħareġ jiżra’. Huwa u jiżra’, xi żerrigħat waqgħu mal-mogħdija; ġew l-għasafar u naqqruhom kollha. Oħrajn waqgħu f’art kollha blat, fejn ma kienx hemm wisq ħamrija, u malajr nibtu, għax il-ħamrija ma kinitx fonda; iżda mbagħad telgħet ix-xemx, u nħarqu u nixfu, għax ma kellhomx għeruq. Oħrajn waqgħu qalb ix-xewk, u x-xewk kiber magħhom u ħonoqhom. Imma oħrajn waqgħu f’art tajba, u għamlu l-frott, min mija, min sittin, u min tletin. Min għandu widnejn, ħa jisma’.”

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 13, versi 3-9***

# 235

“L-ewwel parabbola
li Ġesù jirrakkonta lin-nies
hija parabbola
li tintroduċi
l-parabboli l-oħra tiegħu:
hi dik tal-bidwi
li ħareġ jiżra’,
u mingħajr ma jagħti każ,
jitfa’ ż-żerriegħa bl-abbundanza
fuq kull tip ta’ art.
Il-vera protagonista
ta’ din il-parabbola
hija propju ż-żerriegħa
li tagħmel ftit jew ħafna frott
skont l-art li tkun waqgħet fuqha.”

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus,* 13 Lulju 2014

*Li Alla*
*l-ħin kollu*
*jiżra' mħabbtu,*
*napprezzaha?*

*Qed inħalliH*
*ilaqqa' mħabbtu*
*mal-blat*
*u max-xewk*
*tiegħi?*

# Ħsiebu biex jiżra'

Inti, Mulej,
dejjem żerriegħa tajba jkollok f'idejk,
għax hi żerriegħa
li ma tirriflettix ħlief it-tjubija tiegħek.
U din iż-żerriegħa
tfittex li, bla waqfien, ixxerridha ma' kullimkien
- m'hemmx art tajba u mhix.
Ngħidlek is-sew,
inħossok ftit ħali li Inti tixħet iż-żerriegħa
ukoll fejn x'aktarx joħroġ ftit li xejn minnha!
Imma għax din iż-żerriegħa tfisser imħabbtek,
Inti tkompli tlaqqagħha mal-'blat' u max-'xewk',
bit-tama li l-'blat' ma jibqax 'blat',
u x-'xewk' ma jibqax 'xewk'.
Ħallini nemmen li għalik
m'hemm xejn li ma jistax isir!

## Il-Ħamis, 25 ta' Lulju 2019

Ġesù qal
lid-dixxipli tiegħu:
"Henjin għajnejkom,
għax qegħdin jaraw;
henjin widnejkom,
għax qegħdin jisimgħu.
Tassew, ngħidilkom,
li bosta profeti
u nies ġusti
xtaqu jaraw
dak li qegħdin taraw
intom
u ma rawhx,
u jisimgħu
dak li qegħdin tisimgħu
intom
u ma semgħuhx."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 13, versi 16-17***



"Li tistagħġeb quddiem id-dehra ta' Ġesù hija grazzja kbira; hija l-grazzja li Alla jagħtina meta niltaqgħu miegħu. Huwa minnu li meta naqgħu fl-istagħġib minħabba l-ferħ aħna nkunu xi ftit barra minna nfusna. Imma laqgħa ma' Ġesù mhijiex sempliċi entużjażmu li jkun jixbah lil dak li jħossu l-ammiraturi meta jirbaħ it-tim tagħhom; hija xi ħaġa iżjed profonda minn hekk. Għalhekk, l-stagħġib - bħala frott ta' laqgħa tiegħek miegħu li ma tobsorx li jkollok - inissel il-hena."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni,* 4 April 2013

*Kemm jien dispost biex lil Kristu nippermettilu li jiltaqa' miegħi verament?*

*Nitlobhielu din il-grazzja?*

# Mhux entużjażmu biss

L-entużjażmu li wieħed iħoss għalik, Mulej,
mhux ta' min jarmih:
bih jista' jinfetaħ ftit iżjed għalik;
bih jista' jitħeġġeġ biex ifittxek ftit iżjed.
Imma l-entużjażmu li wieħed ikollu għalik
Inti bih tixtieq twasslu
għal laqgħa vera miegħek
sa minn din id-dinja stess.
Imma ladarba li niltaqgħu miegħek
hija grazzja tiegħek,
nitolbuk:
agħtihielna,
għad li nafu li ma tistħoqqilniex;
agħmilha sseħħ;
iċċaħħadniex minnha,
jekk jogħġbok!

## Il-Ġimgħa, 26 ta' Lulju 2019

Ġesù qal lid-dixxipli: "Kull min jisma' l-kelma tas-Saltna u ma jifhimhiex, jersaq il-Ħażin u jisraqlu dak li jkun inżera' f'qalbu: dan hu dak li nżera' mal-mogħdija. Dak li nżera' f'art kollha blat huwa dak li jisma' l-Kelma u jilqagħha minnufih bil-ferħ, imma għeruq ma jkollux fih innifsu, u għalhekk ftit idum ... Dak li nżera' qalb ix-xewk huwa dak li jisma' l-Kelma iżda l-inkwiet żejjed għall-ħwejjeġ tad-dinja u l-ġibda għall-ġid tal-art joħonqulu l-Kelma, li għalhekk ma tagħmilx frott. Dak imbagħad li nżera' f'art tajba huwa dak li jisma' l-Kelma u jifhimha; u tassew hu jagħmel il-frott."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 13, versi 19-21a. 22-23***

# 237

"Ġesù jistedinna nħarsu ġo fina: irroddu ħajr għall-art li għandna aħna u naħdmu fuq l-artijiet li għadhom mhumiex tajbin. Insaqsu lilna nfusna jekk qalbna hijiex miftuħa biex tilqa' bil-fidi ż-żerriegħa tal-Kelma t'Alla; jekk dak li jagħmilna 'art kollha blat' għadux kbir; jekk nagħrfux ix-xewk tal-vizzjijiet tagħna u jekk insejħulhomx b'isimhom. Ejjew insibu l-kuraġġ biex nagħtu kinsa tajba lill-art tagħna, lill-qalb tagħna, billi fil-Qrar inħallu f'idejn il-Mulej il-blat u x-xewk tagħna."

PAPA FRANĠISKU, *Angelus,* 16 Lulju 2017

*Nemmen tassew li Kristu jiżra' Kelmtu fija biex din tagħmel il-frott?*

*Qed nagħmel xi ħaġa dwar ir-reżistenzi tiegħi għall-Kelma ta' Kristu?*

# Kinsa tal-qalb

Li kull wieħed u waħda minna
aħna ta' min jiżra' fina
ż-żerriegħa tal-Kelma ta' Alla,
din turi, Mulej, kif Inti tħares lejna:
bnedmin b'possibiltajiet mhux żgħar,
bnedmin
li din iż-żerriegħa jippermettulha tikber,
bnedmin
li minn din iż-żerriegħa jagħmlu l-frott.
Għalhekk, ħallina nindunaw
meta dawn il-possibiltajiet
inkunu qegħdin naħluhom
- meta nqegħduhom fil-ġenb
jew meta noħonquhom -
ħalli nkunu nistgħu ninfetħu mill-ġdid
għall-Kelma tiegħek.

## Is-Sibt, 27 ta' Lulju 2019

Ġesù qalilhom parabbola oħra: "Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil wieħed raġel li żara' żerriegħa tajba fl-għalqa tiegħu. Iżda xħin in-nies kienu reqdin, ġie l-għadu tiegħu, żara' s-sikrana qalb il-qamħ u telaq. Meta mbagħad il-qamħ nibet u ħareġ is-sbul, tfaċċat ukoll is-sikrana. Resqu l-qaddejja fuq is-sid u qalulu: 'Sinjur, int mhux żerriegħa tajba żrajt fl-għalqa tiegħek? Mela mnejn ġiet dis-sikrana?' Iżda hu qalilhom: 'Dil-biċċa għamilhieli xi għadu tiegħi!' 'Tridx immorru niġbruha?', qalulu. Qalilhom: 'Le, għax intom u tiġbru s-sikrana għandkom mnejn taqilgħu magħha l-qamħ ukoll.'"

*Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 13, versi 24-29*

# 238

"L-atteġġjament tas-sid hu wieħed ta' tama mibnija fuq iċ-ċertezza li l-ħażen la għandu l-ewwel u lanqas l-aħħar kelma. U hu grazzi għal din it-tama paċenzjuża ta' Alla li l-istess sikrana - il-qalb ħażina b'tant dnubiet - tista' fl-aħħar issir qamħ tajjeb. Imma l-paċenzja evanġelika ma tfissirx indifferenza lejn il-ħażen; ma nistgħux inħalltu t-tajjeb mal-ħażin! Quddiem is-sikrana li hawn fid-dinja, id-dixxiplu tal-Mulej hu msejjaħ biex jimita l-paċenzja ta' Alla, imantni t-tama bis-sostenn tal-fiduċja samma fir-rebħa aħħarija tat-tajjeb, jiġifieri ta' Alla."

PAPA FRANĠISKU, *Angelus*, 20 Lulju 2014

*Kif inħares*
*lejn*
*il-ħażen tiegħi*
*u tal-bnedmin*
*l-oħra?*

*X'post għandha*
*t-tama*
*fil-ħajja tiegħi?*

# Li tkun paċenzjuż

Hemm aħna, Mulej,
bla paċenzja
fejn jidħol il-ħażen,
kemm jekk ikun tal-oħrajn
u kemm jekk ikun tagħna.
Din l-attitudni tagħna
tikkuntrasta bil-kbir
mal-attitudni tiegħek:
filwaqt li l-ħażen qatt ma ssejjaħlu tajjeb,
Inti xejn minnu ma jqabbiżhielek;
Inti paċenzjuż għall-aħħar bih;
Inti ma tiddejjaq qatt tistennieh jinbidel.
Rawwimna, Mulej,
f'din il-paċenzja li Inti turi magħna,
f'din it-tama li Inti għandek
fina l-bnedmin.